# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tas-16 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 2378/99 GC**

**Swiss Chalet Limted**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf sitt mija u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1690.50) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' servizzi prestati lis-socjeta' kovnenuta mis-socjeta' attrici;

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas u dana anke permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru 1999, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan il-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata Dok. A;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konveuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tat-trattazjoni ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1680.50) dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-23 ta' Settembru 1999, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 4623/99 u bl-imghax kummercjali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :

1. Illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda responsabilta' ghall-pretiz stante illi agixxiet bhala "handling agent biss" ghall-principal esteru biex taghmel il-bookings tas-servizzi u forurnituri u ghalhekk mhix responsabbli sakemm ma tirceviex il-pagament minghand il-principal esteru;

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-servizz fornut ma kienx ta' kwalita' accettabbli u kien ghal din ir-raguni li l-operatur u principal esteru ma hallasx;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-affidavit ta' Charles Saliba presentat mill-atturi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruuvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Jigi rilevat li s-socjeta konvenuta naqset li tipproduci provi in sostenn ta' dak li gie minnha allegat fin-nota ta' eccezzjonijiet u sabiex tirribatti l-provi prodotti mis-socjeta attrici u dana nonostante li l-istess socjeta konvenuta nghatat kull opportunita' biex tghamel dan. Ghalhekk ukoll l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1680.50) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' servizzi prestati lis-socjeta' kovnenuta mis-socjeta' attrici u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mit-23 ta' Settembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.